MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 821/2009

Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin
vs
1. George Camenzuli
2. Peter Camilleri and Sons Limited ghal kull interess li jista' jkollhom

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

Illi fl-14 ta' Frar, 2001 l-intimat George Camenzuli obbliga ruhu li jesegwixxi xoghol ta' tiswijiet fuq zewg gallarijiet fil-bini fejn hemm l-ufficini tar-rikorrent, u cioe` f'Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta, liema gallarija kienu perikoluzi, u dan skont kif jidher f'ittra bl-istess data markata Dok. A, versu l-hlas totali ta' hamest elef hames mija u disghin Ewro (EUR5590) (gia Lm2400), liema obbligazzjoni kienet accettata mir-rikorrent;

Illi skond din l-istess offerta datata 14 ta’ Frar 2001, ir-rikorrent kellu jghaddi s-somma ta’ EUR1863 (gia Lm799.80) direttament lil Messrs Peter Camilleri & Sons Limited bhala hlas ta’ materjal li kellu jkun uzat biex isir dan ix-xoghol. Il-materjal ta’ l-injam twassal ghand l-intimat u l-hlas ghalih sar mir-rikorrent lil Peter Camilleri & Sons Limited, kif jidher mil-*letter of acceptance* datata 15 ta’ Frar, 2001, l-*invoice* ta’ l-istess socjeta` u l-*payment voucher* numru 1302000865 (annessi mar-rikors u immarkati Dok. B, C u D);

Illi dawn ix-xogholijiet kellhom jitlestew sa sitt xhur mid-data ta’ l-ittra ta’ Frar, 2001, u cioe` sal-14 ta’ Awissu 2001, skond kif jidher mill-istess ittra Dok A;

Illi sa Novembru 2001 ix-xoghol kien ghadu ma bediex u ghalhekk ir-rikorrent interpella lill-intimat biex jersaq u jibda x-xogholijiet (ara ittra ta’ l-24 ta’ Lulju, 2001 Dok E u ittra datata 20 ta’ Novembru, 2001 Dok F). Ghal din l-ittra l-intimat talab bil-miktub estensjoni taz-zmien li fih kellu jwettaq ix-xoghol sa Jannar 2002 (ara ittra datata 26 ta’ Novembru, 2001 Dok G li waslet ghand ir-rikorrent fid-29 ta’ Novembru, 2001 mhux iffirmata);

Illi l-intimat, minkejja li kien interpellat diversi drabi, kemm verbalment, kemm b’ittra bonarja datata 30 ta’ Jannar, 2002 (Dok H), kif ukoll b’ittra ufficjali datata 1 ta’ Marzu, 2002 debitament notifikata (Dok I), naqas li jibda x-xoghol u baqa’ ma bediex l-istess xoghol li kellu jaghmel, u dan minkejja li r-rikorrent hallas l-ammont miftiehem ghall-materjal;

Illi fit-18 ta’ Marzu, 2002, l-intimat George Camenzuli ha l-purtelli tal-gallariji biex jibda x-xoghol fuqhom u ffirma skrittura privata (annessa mar-rikors bhala Dok J), fejn intrabat li jlesti l-gallarija ghaz-zebgha sat-30 ta’ Marzu, 2002, u fin-nuqqas jehel penali ta’ EUR23.29 (gia` Lm10) kull jum tax-xoghol mill-1 ta’ April, 2002 sat-tlestija tal-istess xoghol;

Illi sal-lum, dan l-intimat, ghalkemm interpellat diversi drabi verbalment, bil-miktub (ara Dok K datata 6 ta’ Mejju,

2002) permezz ta’ ittri ufficjali datati 8 ta’ Awissu, 2002 (Dok L), 26 ta’ Awissu, 2003 (Dok M), 3 ta’ Awissu, 2004 (Dok N) u wara li saru diversi stediniet biex isiru laqghat biex il-partijiet jaslu f’xi ftehim u x-xoghol isir, baqa’ ma resaqx ghat-twettieq tax-xoghol li obbliga ruhu li kellu jaghmel, u lanqas ma rritorna l-purtelli li kien ha;

Illi permezz ta’ ittra bonarja datata 20 ta’ Ottubru, 2003 (Dok O) u ittra ufficjali datata 2 ta’ Settembru, 2004 (Dok P) l-intimat wiegeb li x-xoghol kien lest u kien qed jistenna minghand ir-rikorrent biex iwahhal ix-xoghol fil-post pero` l-intimat qatt m’avvicina lir-rikorrent u r-rikorrent qatt ma ra x-xoghol lest;

Barra minn hekk, ir-rikorrent hallas is-somma ta’ EUR1863 ghall-materjal minghajr ma ha lura la l-materjal, la l-valur tieghu u lanqas ix-xoghol;

Illi fil-frattemp, permezz ta’ l-istess ittra ufficjali tat-3 ta’ Awissu, 2004 (Dok N), ir-rikorrent ittermina l-appalt ta’ l-intimat, u dan l-istess xoghol twettaq minn persuni ohra u r-rikorrent dahal fi spejjez ohra biex seta’ jsir dan ix-xoghol;

Illi r-rikorrent baqa’ jinterpella lill-intimat biex jersaq ghall-hlasijiet dovuti u dan permezz ta’ diversi ittri (ara Dok Q u Dok R);

Illi l-purtelli msemmija kienu valutati minn perit nhar id-19 ta’ Frar, 2003 fis-somma ta’ EUR1048 (ara Dok S);

Illi llum ir-rikorrent huwa kreditur versu l-intimati jew min minnhom fis-somma ta’ EUR1863 li hu hallas ghall-materjal ta’ xejn, kif ukoll huwa kreditur ta’ l-intimat Camenzuli ghall-penali ta’ kull jum kif fuq inghad, ghall-purtelli jew il-valur taghhom peress li dawn baqghu ma gewx lura, u ghad-differenza fil-prezz tax-xoghol li r-rikorrent wehel iktar minhabba li l-intimat Camenzuli ma wettaqx ix-xoghol mehtieg;

Illi r-rikorrent kemm-il darba sejjah lill-intimat Camenzuli biex isiru diskussjonijiet biex tinghalaq din il-pendenza kif

ukoll interpella diversi drabi lill-intimati biex jersqu ghall-hlas imsemmi imma kien kollu ghal xejn;

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom responsabbli versu r-rikorrent ghall-hlas tas-somma ta' EUR1863 bhala prezz ta' materjal li hallas ghalih ir-rikorrent, ghall-penali bir-rata ta' EUR23.29 kull jum tax-xoghol mill-1 ta' April, 2002 sal-lum, ghall-valur tal-purtelli ta' l-injam stmati fis-somma ta' EUR1048, kif ukoll ghad-differenza fil-hlas tax-xoghol li wehel ir-rikorrent ammontanti ghal EUR553;

2. Tillikwida s-somma li l-intimati jew min minnhom ghandhom ihallsu lir-rikorrent, *okkorrendo* permezz ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrent is-somma hekk likwidata;

Bl-imghax u bl-ispejjez legali komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali kollha kontra l-intimati jew min minnhom, li min issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Peter Camilleri fil-kapacita` tieghu bhala Direttur tas-socjeta` PCS Limited (C 30128) wahda mis-sucessuri fit-titolu tas-socjeta` Peter Camilleri and Sons Limited (C 438) li giet diviza, li biha espona:

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-segwenti eccezzjonijiet l-intimat *nomine* eccepixxa li t-talba attrici hija preskritta *ai termini* tas-subartikolu 2148(c) tal-Kap. XVI;

Preliminarjament ukoll, u bla pregudizzju ghas-suespost il-konvenut *nomine* eccepixxa wkoll illi s-socjeta` Peter Camilleri and Sond Limited waqfet milli tezisti meta giet

diviza fit-13 ta' Mejju, 2004. Dan kif imfisser fl-avviz ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern datat l-4 ta' Gunju, 2004, pagna 5572 (kopja annessa mar-risposta bhala 'Dok A1') u dan skond Artikolu 371(1)(c) ta' l-Att Dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta). Ghaldaqstant Peter Camilleri *nomine* talab li Peter Camilleri and Sons Limited jew is-successuri taghha jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

L-intimat *nomine* espona wkoll u fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi l-imsemmija kumpannija m'hijiex legittima kuntradittrici. Dan ghaliex m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-attur ghaliex Peter Camilleri and Sons Limited qatt ma kienet parti ghall-kuntratt ta' xogholijiet in kwistjoni li gie miftiehem bejn l-attur u bejn George Camenzuli. Ghal dan ir-raguni talab li s-socjeta` tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi s-socjeta` intimata ottemperat ruha mal-obbligi taghha emanenti minn kuntratt ta' bejgh ta' materjal kif specifikat fl-'*Invoice*' li gie ezibit mill-attur stess bhala 'Dok C' billi ikkonsenjat il-materjal skond l-arrangament bejn ir-rikorrenti u s-socjeta` intimata. Infatti, kemm l-attur kif ukoll l-intimat George Camenzuli accettaw u iddikjaraw fil-korrispondenza taghhom annessi ma' dan il-process illi l-materjal gie kunsinjat mis-socjeta` intimata kif miftiehem mal-attur. Tant hu hekk illi l-istess attur, fl-ittra tieghu datata 20 ta' Novembru, 2001 iddikjara s-segwenti: "*You will recall that, in accordance with this declaration, the Ministry provided you with the materials bought from Messrs Peter Camilleri & Sons of 14, Cross Roads, Marsa for the sum of Lm799.80*.";

Barra minn hekk George Camenzuli iddikjara fl-ittra ufficjali tieghu datata 7 ta' Settembru, 2003 illi "huwa fatt li hu gie provdut bil-materjal u uzah fl-appalt konsistenti fit-tiswijiet tal-gallariji in kwistjoni";

Ghaldaqstant, kemm l-attur kif l-intimat George Camenzuli accetta li s-socjeta` intimata wettqet l-obbligi taghha u ghal dan ir-raguni ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Illi l-intimat *nomine* d-dritt illi jressaq eccezzjonijiet ulterjuri meta u jekk l-attur jesibixxi dokumenti addizzjonali li fuqhom qieghed jibbaza t-talba tieghu;

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat *nomine*.

Ikkunsidrat

Rat illi George Camenzuli debitament notifikat skond il-ligi ma ipprezentax risposta guramentata u ghalhekk baqa’ kontumaci.

**C. PROVI:**

Xehed Charles Mifsud *Director Corporate Services* fil-Ministeru u ilu hekk mill-25 ta’ Settembru, 2002 u qal li sab li l-injam gja nxtara minghand id-ditta Camilleri. Ippruvaw diversi drabi jsolvu l-problema izda ghal xejn. Irrefera ghad-Dokument J a fol 20 tal-process fejn George Camenzuli obbliga ruhu li jirranga l-aperturi. Ikkonferma l-korrispondenza. Mid-dokumenti jidher li l-injam kien inxtara mid-ditta Peter Camilleri u gie moghti lill-intimat Camenzuli. Hu personalment qatt ma ra l-injam.

Peter Camilleri xehed li fl-2002 Peter Camilleri & Sons Ltd. inqasmet u saret divizjoni u saru *two companies* li kienu PCS Ltd. u J&G Ltd. u hadu l-assi u l-*liabilities* tal-kumpanija bejniethom tal-J&G. Id-divizjoni giet effettiva mis-sena 2004 ’il quddiem. Ittri mill-Ministeru ma rcevew xejn dwar din il-kwistjoni hlief ghall-*purchase order*. Zied li J & G Camilleri Ltd. illum spiccat ukoll. Tal-kumpanija J & G, id-diretturi huma Joe Camilleri u Gerald Camilleri, u l-kumpanija PCS Ltd. huma Peter Camilleri Senior u Peter Camilleri Junior.

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET:

***D1. Preskrizzjoni:***

George Camenzuli fin-nota li awtorizzat jaghmel a tenur ta' l-artikolu 158 (10) tal-Kap 12 sostna li dwar it-talba attrici in kwantu din tirrigwarda hlas lura ta' prezz ta' materjal ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress illi hija preskritta *ai termini* ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-intimat Peter Camilleri issolleva l-preskrizzjoni *ai termini* tas-subartikolu 2148(c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta li t-transazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-intimat l-iehor, sehhet fil-21 ta' Frar, 2001, filwaqt li l-ittra ufficjali datata 3 ta' Awissu, 2004 giet notifikata fis-7 ta' Awissu, 2004 u l-kawza bdiet fis-21 ta' Awissu, 2009. Cioe` aktar minn hames snin wara li saret in-notifika. In segwitu, fid-9 ta' Jannar, 2012 giet irtirata l-eccezzjoni taht il-Kap 16 art 2148 (c) u ssollevaw taht il-Kap 16 art 2156 (g).

L-artikolu 2156 (g) jsemmi li l-azzjonijiet taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq il-hames snin u taht il-paragrafu (g) jghid:
"salv kif provvdut f'xi ligi specjali, l-azzjonijiet tal-Gvern ta' Malta ghall-hlas ta' drittijiet gudizzjarji, dazji jew taxxi ohra".

Il-vertenza in kwistjoni hija fuq xogholijiet fuq purtelli ta' l-injam ta' gallarija fl-ufficini tar-rikorrent li kellhom isiru (izda ma sarux) mill-konvenut George Camenzuli (Dok A, Dok B u Dok C) bil-materjal provdut mill-intimat l-iehor Peter Camilleri & Sons Limited ghall-hlas tas-somma ta' €1,863 bhala prezz ta' materjali li hallas ghalih ir-rikorrent, ghall-penali bir-rata ta' €23.29 kull jum tax-xoghol mill-1 t'April 2002 sal-lum skond l-iskrittura privata (Dok J), ghall-valur tal-purtelli tal-injam stmati fis-somma ta' €1,048, kif ukoll ghad-differenza fil-hlas tax-xoghol li wiehel ir-rikorrent ammontanti ghal €533.

L-eccipjenti ma ghamlet ebda nota fuq dan l-aspett izda mhux il-kaz li l-Qorti tinhela wisq fuq din l-eccezzjoni. Infatti huwa ovvju li s-suggett in kwistjoni certament mhux jirrigwarda drittijiet gudizzjarji. Bl-istess mod ma hemm ebda dazju involut. Anqas jista' jigi jinghad li dan jirrigwarda xi taxxi ohra.

Il-Qorti hawnhekk sejra tikkwota min-nota ta' l-osservazzjonijiet tar-rikorrent minhabba l-applikabilita` taghha ghall-kaz:
"Illi l-istess terminologija li llum tinstab fl-Artikolu 2156(g) tal-Kap.16, qabel id-dhul fis-sehh tal-emenda numru 26 tal-Att VIII tal-2007, kienet tinstab fl-artikolu 2149(e) tal-imsemmi Att. Kif jghallmu l-gurisprudenza [**Registrar of Partnerships vs Alex Borg Bartolo**, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April 1978 li ghaliha ssir referenza f'*The Word of the Court* ta' Dr Philip Farrugia Randon Volum Nru.6 pagna 2046; **Postmaster General vs Michael James Falla**, deciza mill-Onorabbli Qorti Civili fit-13 ta' Mejju 1980 li ghaliha ssir referenza f'*The Word of the Court* ta' Dr Philip Farrugia Randon Volum Nru.6 pagna 2079; u **Registrar of Partnerships vs Albert Mizzi**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-1 ta' Ottubru 1980 li ghaliha ssir referenza f'*The Word of the Court* ta' Dr Philip Farrugia Randon Volum Nru.6 pagna 2089] u l-juristi nostrali:
'***Section 2149(e) Civil Code*** *establishes a two year prescription for* ***"actions of the Government for the payment of judicial fees, customs or other dues"***. *The Court held that the sum due was certainly not due as judicial fees, nor as customs, but examined the words "or other dues". This section is a translation of* ***section 1913 Ordinance VII of 1868*** *which stated:*

***"Si prescrivono … per la riscossione di diritti giudiziari, dazii o altre tasse."***

*According to section 7 of the Malta Statute Law Revision Ordinance, 1936, the Commissioner had no power to alter or amend the matter of substance of any ordinance of law. Thus the word* ***"dues"*** *must be construed to mean* ***"tasse"***. *(The Maltese text says* ***"jew taxxi ohra".)*** *Thus*

*considered, the sum claimed could not fit within the terms of* ***section 2149(e) Civil Code****. Hence this plea was not allowed.” [The Word of the Court ta’ Dr Philip Farrugia Randon Volum Nru.6 pagna 2079-2080*];…”

Il-Qorti hija konxja tas-sentenza moghtija fis-6 ta’ Ottubru, 2000 fl-ismijiet **Raphael Micallef vs Anthony Agius** izda l-Qorti mhix awtorizzata tissolleva sezzjonijiet mhux imsemmija.

Illi ghalhekk isegwi li t-talba tar-rikorrent m’hix suggetta ghall-preskrizzjoni ta’ hames snin a tenur ta’ l-artikolu 2156 (g) kif allega l-intimat Peter Camilleri and Sons Limited u ghaldaqstant din l-eccezzjoni hija insostenibbli.

***D2. Peter Camilleri and Sons Limited qatt ma kienet parti mill-kuntratt:***

L-intimat eccepixxa wkoll li l-imsemmija kumpanija m’hijiex legittima kontradittrici ghaliex m’ghandha ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent u dan minhabba l-fatt illi Peter Camilleri and Sons Limited qatt ma kienet parti ghall-kuntratt ta’ xogholijiet in kwistjoni, liema kuntratt gie miftiehem biss bejn ir-rikorrent u George Camenzuli.

Infatti ma gie prodott ebda ftehim jew kuntratt li permezz tieghu d-ditta Peter Camilleri and Sons kellha taghmel xi xogholijiet kif imsemmi fir-rikors guramentat. L-abili difensur tar-rikorrent taghmel referenza ghall-fatt li l-injam inxtara mid-ditta Camilleri. Irreferiet li meta xehed Peter Camilleri ikkonferma li rcevew *purchase order* u dan kif effettivament jirrizulta mill-*invoice* (Dok C) u l-*payment voucher* (Dok D) annessi mar-rikors promotur. Izda l-injam gie kunsinnat lil George Camenzuli. Fl-Ittra ufficjali tat-8 ta’ Awissu, 2002 fir-raba’ linja jissemma “l-materjal mghoddi lilek”, kif ukoll tas-26 ta’ Awissu, 2003. Inoltre meta xehed Charles Mifsud *Director Corporate Services* fil-Ministeru qal li sab li l-injam gja nxtara minghand id-ditta Camilleri. Dan ikkonferma l-korrispondenza u li mid-dokumenti kien jidher li l-injam kien inxtara mid-ditta Peter Camilleri u gie moghti lill-intimat Camenzuli.

Dan iwassal ghall-fatt li l-ewwel nett id-ditta Peter Camilleri and Sons ma kellha ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent, u li jekk stess, kien hemm ammissjoni cara li tali ditta ikkunsinnat il-materjal li kellha tikkunsinna lil George Camenzuli, u li ghalhekk fic-cirkostanzi, id-ditta Peter Camilleri and Sons m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni ta' Peter Camilleri and Sons Limited bazata fuq il-preskrizzjoni fuq l-artikolu 2156 (g) tal-Kap 16.

Tilqa' l-eccezzjoni ta' l-istess socjeta` li ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju minhabba nuqqas ta' relazzjoni guridika, u ghalhekk tillibera l-istess socjeta` mill-osservanza tal-gudizzju.

Spejjez ta' din is-sentenza nofs ir-rikorrent u nofs is-socjeta` intimata.

Il-Qorti thalli l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghall-4 ta' Frar, 2013 fil-10.45 a.m. ghall-provi tal-partijiet u possibbilment ghat-trattazzjoni finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------